**31 ta' Marzu, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B. I. Can., LL.D.**

**Giorgio Zammit**

***versus***

**Francesca Borg**

**Azzjoni Konfessorja — Prova.**

*Fl-eżerċizzju tal-azzjoni konfessorja jmiss lill-attur li jipprova l-fondament tal-azzjoni u l-leżjoni li minnha hu jilmenta.*

*Din il-prova l-attur hu tenut li jagħmilha fil-konfront tal-persuna konvenuta, u ma jistgħax ma jagħmelx din il-prova qabel ma l-konvenut juri li huwa proprjetarju tal-pretiż fond serventi.*

*L-azzjoni konfessorja għandha tiġi proposta unikament kontra l-proprjetarju tal-fond serventi bħala l-persuna li għandha nteress leġittimu li timpunja l-eżistenza tal-pretiża servitù, u l-attur ma għandux jippretendi li qabel xejn il-konvenut għandu jipprova li huwa l-proprjetarju ta' dak il-fond. Jekk l-attur jippretendi li l-konvenut mhux il-proprjetarju, hu għandu jċedi l-kawża u jipproċedi kontra min hu jirritjeni li hu l-proprjetarju tal-fond.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, u premess illi l-attur għandu dritt jagħddi mill-bieb tal-kamra fil-ġnien ta' proprjetà tiegħu fi Trieq San Bartolomeo, Qormi, numru 71, fuq sqaq li jiżbokka fuq Notabile Road, Qormi, li l-konvenuta qegħedha tallega li jappartjeni lilha; u illi l-konvenuta qegħedha tippretendi

li l-attur ma għandux id-dritt jiftaħ dak il-bieb u jgħaddi minnu għal fuq l-isqaq in kwistjoni; u illi l-attur ilu żmien twil, wara l-għeluq tal-imsemmi bieb, il-passaġġ minn ġo dan l-isqaq minn band'oħra, b'mod li huwa kkonserva d-dritt oriġinarju tal-imsemmi passaġġ; talab li jiġi dikjarat u deċiż li l-attur għandu d-dritt li jgħaddi mill-bieb tal-kamra tal-ġnien fuq riferita fuq l-isqaq in kwistjoni, u dan mhux biss għaliex kellu oriġinarjament dan id-dritt, iżda għaliex ikkonservah sal-lum billi għamel użu mill-istess passaġġ, għalkemm minn band'oħra; u li konsegwentement l-attur għandu jiġi awtorizzat jiftaħ jew iżomm miftuħ l-imsemmi bieb inattiża l-oppożizzjoni tal-konvenuta. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Kif jidher mill-verbal a fol. 11 l-attur qiegħed jikkontendi illi huwa mhux tenut jipprova t-titolu tas-servitù li qiegħed jallega li għandu fuq l-isqaq indikat fiċ-ċitazzjoni qabel ma l-konvenuta tipprova li dak l-isqaq huwa privat, proprjetà tagħha; u fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu l-attur issottometta illi, "jekk il-konvenuta ma tippruvax li hija proprjetarja tal-isqaq in kwistjoni, mnejn għandha tiġi eżerċitata s-servitù ta' passaġġ in kwistjoni, ma tistgħax topponi din l-azzjoni; għaliex, jekk l-isqaq mhux privat, l-attur jista' liberament jgħaddi minnu mingħajr ma jeżerċita ebda azzjoni kontra l-konvenuta, billi din ma għandha ebda dritt fuq l-imsemmi sqaq, li in mankanza ta' provi għandu jiġi preżunt li huwa publiku";

Ikkunsidrat;

Ma hemmx kuntrast bejn il-kontendenti li l-pretiża servitù, bħala diskontinwa u riferibbli għal fond li għandu aċċess għal trieq publika, setgħet ġiet stabbilita biss b'titolu (art. 506 K.C.);

L-attur qiegħed jeżerċita l-azzjoni konfessorja, kif hu stess iddikjara fl-ewwel paragrafu tan-nota ta' osservazzjonijiet. Fl-eżerċizzju ta' din l-azzjoni jispetta lill-attur li

jipprova l-fondament tal-azzjoni u l-lezjoni li minnha jilmenta. Darba li l-attur esperimenta l-azzjoni fil-kontradittorju tal-konvenuta, huwa fil-konfronti tagħha li hu għandu jagħmel dik il-prova, u ma jistgħax ma jipproċedix għall-prova qabel il-konvenuta ma turi li hija l-proprjetarja tal-pretiż fond serventi. L-azzjoni konfessorja għandha tiġi proposta unikament kontra l-proprjetarju tal-fond serventi bħala l-persuna li għandha nteress leġittimu li timpunja l-eżistenza tal-pretiża servitù, u issa l-attur ma għandux jippretendi li qabel xejn il-konvenuta għandha tipprova li hija l-proprjetarja ta' dak il-fond. Kif osservat il-konvenuta fin-nota tagħha, jekk l-attur jidhirlu li hija mhix il-proprjetarja, hu għandu jċedi l-kawża u jipproċedi kontra min jirritjeni li hu l-proprjetarju;

Għalhekk;

Fuq il-kwistjoni sollevata mill-attur skond il-verbal riferit;

Tiddikjara illi l-konvenuta mhijiex tenuta tipprova illi l-isqaq indikat fiċ-ċitazzjoni hu privat, proprjetà tagħha; u li jinkombi lill-attur li qabel xejn jipprova t-titolu bħala fondament tal-azzjoni tiegħu; u tordna li l-kawża titkompla għall-provi tal-attur;

Spejjeż riżervati.